**22 ta' Novembru, 1985**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Carmelo Grima *noe*

*versus*

Carmel Vella Brincat *noe*

**Klawżola ta' Eżoneru - Nullità - Danni - Kuntratt ta' Ġarr - '*Bill of Lading*'**

*Klawżola ta' eżoneru tista' topera favur id-debitur biss meta hu jkun għamel dak li kellu jagħmel fil-mod li suppost li kellu jagħmel. Meta persuna ma tkunx onorat kuntratt fiż-żmien li*

*raġonevolment kellha tonorah u bid-dewmien ikkaġunat danni konsegwenzjali, klawżola ta' eżoneru ma tistax teżimi tali persuna mir-responsabbilità.*

*Kull klawżola diretta biex teżonera l-armatur mill-ħtijiet tiegħu hija indubbjament nulla, anke bl-akbar rispett lejn il-libertà tal-konvenzjonijiet, u dana għaliex il-partijiet fil-***'polizza da carico'** *bħall-konvenzjonijiet kollha, għandhom ma jkunux kuntrarji għal-liġi, għall-bwon kostum u għall-ordni pubbliku u huwa prinċipju ta' dritt merkantili li l-klawżola ta' eżoneru ma jesimix mir-responsabbilità meta jkun hemm* **'breach of contract'**.

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine* wara li ppremetta li d-ditta attriċi, kif jidher minn '*statement of account*' għandha tieħu mingħand id-ditta konvenuta s-somma ta' ħames mija, ħamsa u disgħin lira u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm595.54,0) bilanċċ minn somma akbar dovuta għall-ġarr ta' merkanzija matul l-1982, skond l-*invoices* eżebiti; u peress illi l-konvenut *nomine*, għalkemm interpellat biex iħallas, baqa' inadempjenti; u peress illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u, fl-opinjoni ta' l-attur *nomine*, il-konvenut *nomine* m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti; l-istess attur *nomine* talab li din il-Qorti - (1) tikkundanna lill-konvenut *nomine* iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' ħames mija, ħamsa u disgħin lira u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm595.54,0) dovuta għal ġarr ta' merkanzija matul l-1982; (2) tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *in vista* tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur *nomine ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Jannar, 1983 kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Marzu, 1983 il-konvenut *nomine* ingħata permess jikkontesta l-kawża;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa:

(1) Illi l-ammont pretiż mhux dovut stante l-fatt li s-soċjetà attriċi ikkonsenjat il-merkanzija xhur wara li kien ingħata lilha l-inkarigu tal-ġarr mis-soċjetà eċċipjenti u meta l-iskop wara dan l-inkarigu kien ilu li spiċċa.

(2) Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut *nomine*;

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut *nomine*, li biha wara li ppremetta li fl-1982 s-soċjetà eċċipjenti kienet inkarigat lis-soċjetà attriċi biex iġġorrilha '*17 ctns. Gents Wet Suits and accessories*' minn Malta għal Genova, l-Italja; u peress illi, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, is-soċjetà eċċipjenti sofriet danni konsiderevoli minħabba d-dewmien esaġerat *da parti* tas-soċjetà attriċi biex tespleta l-inkarigu fuq imsemmi u lilha mogħti mis-soċjetà eċċipjenti, l-istess konvenut *nomine* talab li għar-raġunijiet premessi, il-Qorti:

(1) Tiddikjara u tiddeċidi illi minħabba l-imsemmi dewmien esaġerat *da parti* tas-soċjetà attriċi biex tesplika l-inkarigu mogħti lilha mis-soċjetà eċċipjenti u fuq imsemmi, l-istess soċjetà eċċipjenti sofriet danni konsiderevoli;

(2) Tillikwida dawn id-danni anke jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti *nominandi*; u

(3) Tikkundanna lill-attur *nomine* li jħallas lis-soċjetà eċċipjenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' Mejju 1982, kontra l-attur *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut *nomine* referibilment għall-istess talba rikonvenzjonali;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-attur *nomine* għall-kontro talba tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa:

*Omissis*;

Illi ...il-kontrotalba tal-konvenut *nomine* hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez għaliex id-ditta konvenuta kienet ħallset lid-ditta attriċi f'Settembru, 1982, tal-bilanċċ dovut sal-*invoice* numru 3876 u b'hekk aċċettat taċitament ir-risposta mogħtija mill-attur *nomine* bl-ittra uffiċjali tal-14 ta' Mejju, 1982, wara l-ittra uffiċjali tal-konvenut *nomine* tal-11 tal-istess xahar;

Illi fi kwalunkwe każ, kif jidher mill-kondizzjoni numru 6 tal-*Bill of Lading*, l-attur *nomine* ma jaċċetta l-ebda responsabbilità għal danni kaġunati direttament jew indirettament minn dewmien;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-digriet li bih ġie nominat perit legali biex iffittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet rispetttivi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-kontendenti u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kaz;

*Omissis*;

Eżaminat bir-reqqa r-relazzjoni, kif ukoll il-verbali tas-seduti miżmuma mill-istess perit;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħat lid-difensuri u qieset in-noti ta' osservazzjonijiet li ssottomettew;

Ikkunsidrat:

Illi l-perit fuq indikat wara li investiga l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt involuti fil-kawża, wasal għall-konkluzjonijiet li:

(1) l-attur irnexxielu jipprova li għandu dritt jitħallas għat-tlett fatturi eżebiti li jammontaw b'kollox għal Lm594.54, waqt li l-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* għal din it-talba tal-attur *nomine*, bl-ebda mod ma hija ġustifikata;

(2) dwar it-tielet eċċezzjoni ta' l-attur *nomine* għall-kontro-talba tal-konvenut *nomine* (cjoè l-eċċezzjoni dwar l-allegata rinunzja taċita) din ma gietx ipprovata sodisfaċentement u għalhekk m'għandhiex tintlaqa';

(3) l-merkanzija tal-konvenut *nomine* damet mal-35 ġurnata (mit-2 ta' April, 1982 sa ċirka s-7 ta' Mejju, 1982) biex

waslet fid-destinazzjoni tagħha, meta normalment tali vjaġġ jieħu madwar 10 ijiem;

(4) l-attur ma offra ebda provi jew spjegazzjoni għaliex dam daqshekk biex jonora l-kuntratt u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-attur ma uriex dik id-deliġenza li wieħed raġonevolment jistenna mill-vettural;

(5) li għalhekk, l-attur *nomine* huwa responsabbli għad-danni li sofra l-konvenut *nomine* minħabba l-imsemmi dewmien;

(6) li r-responsabbilità ta' l-attur *nomine* għad-danni minħabba dan id-dewmien tinsab limitata bis-saħħa tal-artikolu 23 (5) tas-CMR Convention li jistabbilixxi:-

*'In case of delay, if the claimant proves that damage has resulted therefrom the carrier shall pay compensation for such damage not exceeding the carriage charges.'*

(7) li dawn il-'*carriage charges*' f'dan il-kaz huma s-somma ta' Lm133.25,0 peress li jridu jitnaqqsu iċ-*charges* l-oħra imsemmija fuq il-fattura numru 3640 (eżebita a fol. 71);

(8) li l-konvenut irnexxielu jipprova sodisfaċentement li d-danni li sofra minħabba d-dewmien tal-attur *nomine*, in kwantu jolqtu l-*overtime* li kellu jinkorri fih, ilaħħqu s-somma ta' Lm176.50,0;

(9) li la din is-somma diġà teċċedi l-limitu ta' Lm133.15,0 li jista' jirkupra l-konvenut *nomine* ma hemmx ħtieġa li jiġu eżaminati l-provi dwar danni oħra pretiżi mill-konvenut *nomine*;

Wara li l-għaref perit legali wasal għal dawn id-deċizjonijiet huwa ikkonkluda li billi t-talba tal-attur *nomine* għall-kundanna tal-konvenut *nomine* għall-ħlas ta' Lm594.54 irnexxiet, u billi ukoll il-kontro-talba tal-konvenut *nomine* irnexxiet però limitatament għall-ammont ta' Lm133.25,0, jidher ġust li isir tpaċija bejn l-ammonti reċiprokament dovuti u b'hekk jiġi li l-konvenut *nomine* għandu jiġi kkundannat iħallas lill-attur *nomine* id-differenza bejn iż-żewġ ammonti u cjoè is-somma ta' Lm461.29,0;

Illi din ir-relazzjoni ġiet ikkritikata biss mill-attur *nomine*, b'nota ppreżentata fit-18 ta' Diċembru, 1984;

Illi wara li qieset sewwa kemm il-provi miġbura, kemm ir-relazzjoni peritali u kemm in-noti ta' osservazzjonijiet tad-difensuri, u kemm in-noti ta' kritika ta' l-attur *nomine* għar-relazzjoni peritali, din il-Qorti jidhrilha li l-għaref perit legali għamel apprezzament tajjeb u ġust tal-każ;

Illi però l-attur *nomine* għandu raġuni jilment (kif għamel fl-ewwel paragrafu tal-imsemmija nota ta' kritika tiegħu) li l-perit legali naqas li jirrelata dwar l-aħħar eċċezzjoni ta' l-attur *nomine* għall-kontro-talba tal-konvenut *nomine* u għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi affrontata mill-Qorti stess;

Illi b'din l-eċċezzjoni l-attur *nomine* isostni li s-soċjetà attriċi ma taċċetta ebda responsabbilità għal danni kaġunati direttament jew indirettament minn dewmien u dana *a tenur* tal-kondizzjoni 6 tal-*Bill of Lading* li jgħid *inter alia* hekk:

*'The Carrier does not accept responsibility for any direct or indirect loss or damage sustained by the merchant through delay,*

*unless the carrier is liable for consequences of delay under any provisions of any law, statutes, agreements or conventions which cannot be departed from private contract.'*

L-attur isostni li fil-kontro-eżami il-konvenut *nomine* stqarr li kien jaf bl-esistenza ta' din il-klawsola u allura d-difensur ta' l-attur *nomine* argumenta li l-konvenut *nomine* aderixxa kontrattwalment għaliha;

Illi fil-fehma tal-Qorti din il-klawsola ma tistax taġevola l-attur *nomine* fil-kaz odjern peress li ġie ritenut, ferm ġustament, illi l-klawsola ta' eżoneru tista' topera favur id-debitur biss 'meta hu jkun għamel dak li kellu jagħmel fil-mod li suppost li kellu jagħmel'. Issa fil-kaz odjern diġa intqal li l-attur *nomine* ma onerax il-kuntratt fiż-żmien li raġonevolment kellu jonorah u bid-dewmien ikkaġuna danni konsegwenzjali. Mela tali klawsola ma tistax teżimi lill-attur *nomine* mir-responsabbiltà. Infatti mhux l-ewwel darba li tali klawsoli ta' eżoneru ġew ritenuti mill-Qrati bħala nulli. Kif jingħad fis-sentenza (riportata fil-Vol. XXXVII - III - 874) mogħtija mill-Onor. Dr. T. Gouder:

'Kull klawsola diretta biex teżonera l-armatur mill- htijiet tiegħu......hija indubbjament nulla, anke bl-akbar rispett lejn il-libertà tal-konvenzjonijiet, u dana għaliex il-pattijiet fil'*polizza di carico*', bħall-konvenzjonijiet kollha, għandhom ma jkunux kuntrarji għal-liġi, għal-bwon kostum u għall-ordni pubbliku u huwa prinċipju ta' dritt merkantili li l-klawsoli ta' eżoneru ma jesimix mir- responsabbilità meta jkun hemm '*breach of contract or duty'*. (Ara ukoll is-sentenza riportata fil-Vol. XXXVI - I - 319);

Illi a bażi ta' dawn l-osservazzjonijiet jidher ċar li l-

eċċezzjoni relattiva ta' l-attur *nomine* bażata fuq l-imsemmija klawsola ta' eżoneru, għanda tiġi respinta;

Illi wara li ikkunsidrat il-kritika ulterjuri għar-rapport peritali li għamel id-difensur ta' l-attur *nomine* fl-imsemmija nota tiegħu din il-Qorti jidhrilha li l-istess kritika mhijiex ġustifikata;

Infatti din il-Qorti tħoss li ma tistax ma taqbilx mal-konkluzjoni raġġunta mill-perit legali li (minbarra l-osservazzjonijiet li għamlet dwar ir-raba' eċċezzjoni ta' l-attur *nomine*) ma għandha xejn iżjed xi żżid mar-raġunamenti sodi u eżawrjenti tal-perit legali li huma bizzejjed konvinċenti u għalhekk jagħmlu kull kumment ieħor superfluwu;

Għall dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi prevja li

(a) tiċħad it-tieni talba tal-attur *nomine;*

(b) tastjeni li tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta' l-attur *nomine* għall-kontro-talba tal-konvenut *nomine*, stante rinunzja;

(ċ) tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjoni ta' l-attur *nomine* għat- talba rikonvenzjonali tal-konvenut *nomine*;

(d) tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine*;

Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur *nomine* kif dedotta fl-att

taċ-ċitazzjoni u tilqa' it-tlett talbiet tal-kontrotalba tal-konvenut *nomine* u għall-fini tat-tieni talba tillikwida d-danni risarċibbli fis-somma ta' Lm133.25,0 (mija u tlieta u tletin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu);

Għalhekk billi hemm lok li issir kompensazzjoni bejn l-ammonti reċiprokament dovuti mill-kontendenti tikkundanna lill-konvenut *nomine* li jħallas lill-attur *nomine* isomma ta' Lm461.29,0 (erba mija u wieħed u sittin lira u disa' u għoxrin ċenteżmu);

L-ispejjeż tal-perizja jinqasmu bin-nofs bejn il-kontendenti, waqt li l-attur *nomine* għandu jħallas l-ispejjez tat-talba rikonvenzjonali u li l-konvenut *nomine* għandu jħallas l-ispejjez konnessi mat-talba tal-attur *nomine*.